


## Il-Professur Mro Joseph Vella – leġġenda għal kull żmien

*Is-Sur Joe Chetcuti – Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori, fuq NET FM*
*u President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija*

Il-Professur Mro Joseph Vella twieled ir-Rabat, Għawdex, fid-9 ta' Jannar, 1942. Kien kompożitur u direttur tal-orkestra li ħa l-ewwel edukazzjoni mużikali tiegħu mingħand missieru, is-Surmast Ġanni Vella. Kien elett Fellow tal-London College of Music fl-1967 u ggradwa fil-mużika mill-università prestiġjuża ta' Durham, l-Ingilterra, fl-1982. Hu kompla t-taħriġ tiegħu fi Siena fejn segwa korsijiet intensivi fil-Kompożizzjoni ma' Franco Donadoni, u fid-direzzjoni ma' Franco Ferrara.

L-ewwel xogħol li introduċa lil Joseph Vella mal-pubbliku kien is-*Suite* Orkestrali *Three Mood Pieces, opus* 4, liema xogħol indaqq fit-Teatru Manoel fl-1958. Flimkien ma' Verena Maschat kien il-persuna li waqqaf l-Iskola tal-Mużika Johann Strauss, fil-belt Valletta fl-1972, u kien kap ta' din l-iskola bejn l-1985 u l-1994, meta mbagħad inħatar *Associate Professor* tal-Mużika fl-Università ta' Malta.

Joseph Vella huwa bla dubju ta' xejn wieħed mill-aktar li x-xogħlijiet tagħhom ġew esegwiti internazzjonalment, b'kummissjonijiet deħlin minn solisti, *ensembles,* kantanti, u orkestri mid-dinja kollha. Kien versatili immens, kwalità rari f'kompożitur, li għenitu jipproduċi xogħlijiet f'diversi stili, kollha magħġuna fl-idjoma inimitabbli tiegħu li taf l-għeruq tagħha fil-Moviment Neo-Klassiku tas-seklu għoxrin. Il-lingwa mużikali ta' Vella hi bażikament atonali iżda qatt nieqsa mill-melodija, aspett tal-kapaċitajiet tiegħu li żgur jixhed il-kreattività sublimi tiegħu. Il-katalogu uffiċjali ta' Vella laħaq l-154 *opus numbers.* Għandu wkoll kważi l-istess numru ta' xogħlijiet li mhumiex klassifikati. Dawn jinkludu biċċiet liturġiċi, innijiet, antinfoni, marċijiet, mużika għall-banda, u tant aktar.



Ix-xogħlijiet ta' Vella ndaqqu mad-dinja kollha u dejjem kien hemm reazzjoni u kritika pożittiva immens. Il-proġett li kien qed jaħdem fuqu, u li tant kien għal qalbu kienet opra fi 3 atti fuq librett tal-famuż drammaturgu Vince Vella. Bosta mix-xogħlijiet tiegħu huma rrekordjati fuq CD.

Bħala direttur orkestrali, Joseph Vella għandu repertorju wiesa' ferm. Hu rċieva diversi stediniet biex jikkollabora ma', jew ukoll imexxi numru ta' orkestri, fosthom il-Malta Philharmonic Orchestra, is-Sofia Philharmonic Orchestra, il-Prometheus Symphony Orchestra ta' New York, Orquestra Nacional do Porto, Orchestra 'Goffredo Petrassi' di Roma, 'Gli Armonici' Palermo, Yamaha Foundation Symphony Orchestra, u ħafna oħrajn.

Sa mill-1970 Joseph Vella kien id-direttur mużikali kif ukoll artistiku tat-teatru tal-opra Astra f'Għawdex. Dawn l-esperjenzi operistiċi sabu lil Vella jaħdem ma' mużiċisti u kantanti ta' fama dinjija, bħal Ghena Dimitrova, Adelaida Negri, Daniela Dessì, Francesca Panatè, Cecilia Gasdia, Sanya Anastasia, Giuseppe Giacomini, Rumen

Doikov, Aldo Protti, Mark Rucker, Hao Jiang Tian, Nicola Rossi Lemeni, Carlo Colombara, Dario Russo, eċċ. Każ tipiku tal-viżjoni raffinata tas-Surmast Joseph Vella hu meta litteralment inawgura l-karriera meraviljuża ta' wieħed mill-aqwa tenuri kontemporanji – Joseph Calleja. Vella kien insista li jagħtih il-parti prinċipali tat-tenur fl-opra ta' Verdi, Macbeth, meta din saret għall-ewwel darba fit-Teatru Astra fl-1997.

Kritiċi dejjem ikkummentaw fuq ir-rispett li Vella wera fil-konfront ta' kif jinterpreta xogħlijiet ta' kompożituri oħrajn meta jiddiriġihom. F'dan il-kamp, Joseph Vella dejjem wera sensittività soffistikata għall-arkitettura mużikali f'xogħlijiet kbar, għad-dinamiżmu ritmiku, u għall-mużikalità tax-xogħol li jkun qed iħabbat. Ta' min jgħid li wara kunċert fit-Teatru Manoel mas-sopran ċelebri Cecilia Gasdia, din qalet li "Joseph Vella huwa wieħed mill-ftit diretturi li naf li ma nsib l-ebda diffikultà nkanta opra sħiħa miegħu mingħajr anki prova waħda!" Joseph Vella kellu l-unur li jiġi maħtur l-ewwel direttur residenti tal-Malta Philharmonic Orchestra.

Joseph Vella ma segwiex tendenzi; oħrajn segwew tiegħu. F'dan ir-rigward, ix-xogħol pijunier, u l-interess kontinwu tiegħu fil-mużika Maltija tas-sekli 17 u 18 qajjem furur ta' interess f'dan il-perjodu, li għal bosta sekli baqa' rieqed mingħajr ħadd lanqas biss kien konxju li jeżisti. Vella editja, għamel kunċerti, irrekordja u ppromwova dawn ix-xogħlijiet ta' kompożituri Maltin tas-sekli 17 u 18 sew f'Malta u kif ukoll barra minn xtutna, bħal fil-Ġermanja, fi Franza, fi Spanja, fl-Ingilterra, fil-Greċja, fl-Eġittu, u fi New York. Bix-xieraq Vella kien akkreditat bit-titlu ta' missier tal-moviment għall-għarfien ta' dan il-patrimonju Malti. Ħafna segwew il-passi tiegħu f'dan il-qasam, u x-xogħol tiegħu spira anki ħafna studenti biex jagħmlu r-riċerka tagħhom fuq dawn l-Arkivji li jinsabu l-Imdina. Joseph Vella kien ukoll id-direttur artistiku tal-Victoria International Arts Festival, festival li hu l-akbar wieħed tal-ġeneru tiegħu f'Malta. Hu twil 5 ġimgħat b'kunċert kuljum. Minn bidu modest fl-1997, il-Victoria International Arts Festival żviluppa f'okkażjoni ta' proporzjonijiet internazzjonali li jospita mhux inqas minn 600 mużiċist mid-dinja kollha. Joseph Vella kien ukoll id-direttur artistiku tal-Festival Mediterranea – festival li jsir kull sena bejn Ottubru u Novembru. L-avveniment prinċipali ta' dan il-festival hu bla dubju ta' xejn l-opra annwali li ssir fit-Teatru Astra, li kien imexxi hu. Għal 48 sena, Joseph Vella kien ukoll id-direttur mużikali tal-Banda La Stella, u tal-Count Roger Band Club ir-Rabat ta' Malta.

Bla dubju ta' xejn, b'karriera illustri bħal din, Joseph Vella rċieva għexieren ta' *awards*, sew f'Malta kif ukoll barra. Ingħata wkoll Ġieħ Għawdex u Ġieħ ir-Repubblika.

Joseph Vella kien miżżewweġ lil Nathalie née Portelli, u kellu żewġ ulied, Alan u Nikki. Huwa kien nannu ta' Christina u Andrea. Joseph Vella miet ħesrem il-Ħadd, 25 ta' Frar, 2018. Il-mewt tiegħu hija telfa wisq kbira għall-qasam mużikali u artistiku Malti.

Il-bniedem jitlaq, iżda dak li jkun wettaq jibqa', u li wettaq il-Professur Mro Joseph Vella se jibqa' jpaxxi lilna kif ukoll lil ta' warajna u lil dawk kollha li għad iridu jħallu n-noti tiegħu jmellsu lil qalbhom. Grazzi ta' kollox Professur Mro Joseph Vella.


**Magri Crane Hire**
**Mosta**

**Email: andrew73.magri@gmail.com**
**MOB: 99445253**